DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1228

tas-7 ta' Ġunju 2023

dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-għoti ta' kuntratti għall-attività relatata ma' servizzi ta' konsenja express ta' pakketti fil-Litwanja

(notifikata bid-dokument C(2023)3641)

(It-test bil-Litwan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

1. FATTI

(1) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi.

(2) Fis-6 ta' Jannar 2023, Lietuvos paštas, AB ("l-applikant") issottomettiet talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ("it-talba"). It-talba tikkonforma mar-rekwiżiti formali stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 ([2]) u fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(3) L-applikant huwa fornitur ta' servizzi postali fil-Litwanja u entità kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/25/UE. L-applikant huwa l-unika entità kontraenti fil-Litwanja li tipprovdi servizzi postali skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2), il-punt (b), tad-Direttiva 2014/25/UE. It-talba tikkonċerna ċerti servizzi postali, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(a) tad-Direttiva 2014/25/UE, ipprovduti mill-applikant fit-territorju tal-Litwanja, b'mod partikolari, servizzi ta' konsenja express ta' pakketti ([3]). Is-servizzi standard ta' konsenja ta' pakketti ma humiex is-suġġett tat-Talba. L-applikant jipprovdi servizzi ta' konsenja express ta' pakketti bl-isem tad-ditta "LP Express", li jinkludu l-konsenja ta' pakketti minn punt ta' ġbir (eż. id-dar tal-klijenti, il-post tan-negozju, locker minn fejn jinġabru l-pakketti) sa punt ta' konsenja speċifikat mill-klijent (id-dar, l-uffiċċju, l-uffiċċju postali jew lockers minn fejn jinġabru l-pakketti) ([4]).

(4) It-talba ma kinitx akkumpanjata minn pożizzjoni motivata u sostanzjata adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fir-rigward tal-attività kkonċernata, li tanalizza bir-reqqa l-kundizzjoni għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE għall-attività kkonċernata, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu. F'konformità mal-punt 1(a) tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, peress li l-aċċess liberu għas-suq jista' jiġi preżunt abbażi tal-Artikolu 34(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar it-talba fi żmien 105 ijiem ta' xogħol.

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 34 u 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 39).

([3]) It-talba, il-punt 6.

([4]) It-talba, il-punt 6.

(5) Wara talba mill-Kummissjoni fit-13 ta' Frar 2023, l-applikant ippreżenta informazzjoni addizzjonali fl-20 ta' Frar 2023. Fit-23 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat talba addizzjonali għal informazzjoni lill-applikant. Fl-istess jum, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Litwani. L-applikant ippreżenta informazzjoni addizzjonali fid-9 ta' Marzu 2023 u l-awtoritajiet Litwani wieġbu għat-talba għall-informazzjoni fl-14 ta' Marzu 2023.

2. **QAFAS LEGALI**

(6) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati mas-servizzi postali msemmija fl-Artikolu 13(2), il-punt (b), ta' dik id-Direttiva.

(7) Skont l-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, kuntratti maħsuba sabiex jippermettu t-twettiq ta' attività li għaliha tapplika d-Direttiva ma għandhomx ikunu soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq l-attività, din tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess ma huwiex ristrett.

(8) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni għandu jiġi vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ikkonċernat. Madankollu, din il-valutazzjoni hija limitata mill-iskadenzi qosra applikabbli u mill-ħtieġa li wieħed jibbaża fuq l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni. Dik l-informazzjoni toriġina minn sorsi diġà disponibbli jew mill-informazzjoni miksuba fil-kuntest tat-talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE, u ma tistax tiġi ssupplimentata minn metodi li jieħdu aktar ħin, inkluż, b'mod partikolari, investigazzjonijiet pubbliċi indirizzati lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

(9) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni f'suq partikolari jenħtieġ li jiġi evalwat abbażi ta' diversi kriterji, li l-ebda wieħed minnhom ma huwa deċiżiv minnu nnifsu.

(10) Għall-finijiet tal-valutazzjoni jekk l-attivitajiet rilevanti humiex soġġetti għall-kompetizzjoni diretta fis-swieq ikkonċernati minn din id-deċiżjoni, għandhom jitqiesu kemm is-sehem mis-suq tal-atturi ewlenin kif ukoll l-għadd ta' atturi tas-suq.

3. **VALUTAZZJONI**

(11) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk l-attivitajiet ikkonċernati mit-talba, fis-swieq li għalihom l-aċċess ma huwiex ristrett skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, humiex esposti għal livell ta' kompetizzjoni li jiżgura li, anke fin-nuqqas tad-dixxiplina tal-akkwist miġjuba mir-regoli dettaljati dwar l-akkwist stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għat-twettiq tal-attività kkonċernata jsir b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, abbażi tal-kriterji li jippermettu lill-akkwirenti jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġuża.

(12) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali ta' Jannar 2023, u fuq l-informazzjoni ppreżentata mill-applikant u mill-awtoritajiet tal-Litwanja, u fuq l-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku. Din tista' tiġi riveduta, jekk bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni ġuridika jew fattwali jfissru li l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

3.1. Aċċess mhux ristrett għas-suq

(13) L-aċċess għal suq jitqies mhux ristrett jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun implimenta u applika l-atti legali rilevanti tal-Unjoni li jiftħu settur partikolari jew parti minnu. Dawk l-atti legali huma elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE, inkluż id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) fir-rigward tas-servizzi postali.

([5]) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).

(14) Kif ġie kkonfermat mil-Litwanja ([6]), u abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-Litwanja ttrasponiet ([7]) u tapplika d-Direttiva 97/67/KE. Konsegwentement, l-aċċess għas-suq rilevanti jitqies li ma huwiex ristrett f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

3.2. Valutazzjoni tal-kompetizzjoni

3.2.1. Definizzjoni tas-suq tal-prodott rilevanti

(15) Skont l-applikant, is-swieq tal-prodott rilevanti jistgħu jiġu mqassma kif ġej: (a) servizzi domestiċi ta' konsenja express (kurrier); u (b) servizzi internazzjonali ta' konsenja express (kurrier) (internazzjonali ħerġin u internazzjonali daħlin) ([8]).

(16) F'deċiżjonijiet preċedenti ([9]), il-Kummissjoni sostniet li s-suq għal servizzi ta' konsenja tal-posta jista' jinqasam f'servizzi ta' konsenja express u f'servizzi ta' konsenja standard (magħrufa wkoll bħala "diferiti"). Dan it-tqassim iqis li s-servizzi express jieħdu anqas ħin u huma aktar affidabbli minn servizz standard, li kull wieħed minn dawn is-servizzi jirrikjedi infrastruttura differenti, u li s-servizzi express għandhom karatteristiċi tas-servizz addizzjonali ta' valur miżjud, bħas-servizzi "track and trace", u ġeneralment jiswew ukoll aktar flus.

(17) F'deċiżjonijiet preċedenti ([10]), il-Kummissjoni għamlet ukoll distinzjoni bejn is-servizzi domestiċi u dawk internazzjonali tal-konsenja ta' pakketti. Il-Kummissjoni sostniet li s-servizzi domestiċi tal-konsenja ta' pakketti huma pprovduti minn kumpaniji li joperaw networks ta' distribuzzjoni nazzjonali, filwaqt li l-konsenja internazzjonali ta' pakketti tikkonsisti mill-ġbir ta' pakketti li għandhom jiġu ttrasportati u konsenjati barra mill-pajjiż.

(18) L-applikant huwa tal-fehma li s-swieq tal-prodotti rilevanti għas-servizzi ta' konsenja ta' pakketti express jikkorrispondu għaż-żewġ tipi ta' servizzi postali rigward pakketti li huma koperti mit-Talba u li huma stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-premessa 15. Dan l-approċċ huwa konsistenti mal-prassi preċedenti tal-Kummissjoni.

(19) F'ċerti każijiet jistgħu jiġu previsti definizzjonijiet tas-suq aktar ristretti (jiġifieri servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti Konsumaturi lil konsumaturi/negozji (C2X) u servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti Negozju lil konsumaturi/negozji (B2X)). Madankollu, id-definizzjoni preċiża tas-suq rilevanti tista' titħalla miftuħa għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni. Ir-riżultat tal-analiżi jibqa' l-istess kemm jekk ikun ibbażat fuq definizzjoni ristretta kif ukoll fuq waħda usa' ([11]).

([6]) Tweġiba tal-awtoritajiet Litwani għat-talba għall-informazzjoni fl-14 ta' Marzu 2023.

([7]) Il-Liġi Postali tar-Repubblika tal-Litwanja, il-15 ta' April 1999 Nru VIII-1141. Verżjoni ġdida tal-liġi mill-1 ta' Jannar 2013: Nru XI-2379 tat-8 ta' Novembru 2012, Gazzetta Uffiċjali 2012, Nru 135-6867 (it-22 ta' Novembru 2012).

([8]) It-talba, il-punt 33 u l-punt 39.

([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/737 tas-27 ta' Mejju 2020 dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal attivitajiet relatati mal-għoti ta' ċerti servizzi postali fid-Danimarka (ĠU L 172, 3.6.2020, p. 23), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1204 tat-12 ta' Lulju 2019 dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal ċerti attivitajiet relatati mal-provvista ta' ċerti servizzi postali u ta' servizzi oħra għajr is-servizzi postali fil-Kroazja (ĠU L 189, 15.7.2019, p. 75). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/154/UE tat-22 ta' Marzu 2013 li teżenta ċerti servizzi fis-settur postali fl-Ungerija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 86, 26.3.2013, p. 22). Ara wkoll Commission Decision 90/456/KEE of 1 August 1990 concerning the provision in Spain of international express courier services (ĠU L 233, 28.8.1990, p. 19) u COMP/M.5152 tal-21 ta' April 2009 — Posten AB/Post Danmark A/S; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2013 fil-Kawża COMP/M.6570 – UPS/TNT Express.

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/737 tas-27 ta' Mejju 2020 dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal attivitajiet relatati mal-għoti ta' ċerti servizzi postali fid-Danimarka (ĠU L 172, 3.6.2020, p. 23), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1204 tat-12 ta' Lulju 2019 dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal ċerti attivitajiet relatati mal-provvista ta' ċerti servizzi postali u ta' servizzi oħra għajr is-servizzi postali fil-Kroazja (ĠU L 189, 15.7.2019, p. 75). Ara wkoll il-Kawża COMP/M.5152 — Posten AB/Post Danmark A/S, tal-21 ta' April 2009, il-punt 54.

([11]) Ara f'dan ir-rigward l-Anness 16 tat-Talba, fejn l-applikant jipprovdi stimi tas-sehem mis-suq tiegħu u tal-kompetituri ewlenin tiegħu, fir-rigward ta' definizzjonijiet tas-suq aktar ristretti.

3.2.2. Definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti

(20) Skont l-applikant, is-suq ġeografiku rilevanti kemm għas-servizzi domestiċi ta' konsenja express kif ukoll għas-servizzi internazzjonali ta' konsenja express jenħtieġ li jiġi definit bħala nazzjonali, li jinkludi t-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja ([12]).

(21) Fir-rigward tas-suq ġeografiku, fil-prassi preċedenti ([13]) tagħha, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li s-swieq għall-konsenja express ta' pakketti, irrispettivament mid-distinzjoni bejn is-servizzi domestiċi u dawk internazzjonali ta' konsenja express, għandhom ambitu nazzjonali. Il-fehma tal-applikant hija konsistenti mal-prassi tal-Kummissjoni.

(22) L-applikant jipprovdi servizzi kemm domestiċi kif ukoll internazzjonali ta' konsenja ta' pakketti fil-Litwanja.

(23) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni ta' ambitu differenti tas-suq ġeografiku, għall-finijiet tal-valutazzjoni skont din id-Deċiżjoni, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, l-ambitu ġeografiku tas-servizzi domestiċi u internazzjonali ta' konsenja express ta' pakketti jista' jitqies li jkopri t-territorju tal-Litwanja.

3.2.3. Analiżi tas-suq

3.2.3.1. Servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti

(24) Fil-Litwanja hemm madwar 60 fornitur ta' servizzi express ta' konsenja ta' pakketti ([14]). Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-applikant, hemm erba' fornituri ta' servizzi postali li għandhom aktar minn 10 % fis-suq ta' servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti ([15]). Skont l-informazzjoni disponibbli, is-sehem mis-suq tal-applikant f'dan is-segment tas-suq kien ta' [20-25] % għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum ([16]).

(25) L-ishma mis-suq tal-kompetituri tal-applikant huma akbar jew komparabbli ma' dawk tal-applikant. L-ishma mis-suq tal-akbar kompetituri kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum ([17]) għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021 huma kif ġej: DPD Lietuva [30-35] %, Venipak Lietuva [15-20] % u Omniva LT [10-15] %;

(26) Anke jekk is-swieq alternattivi tal-prodotti jiġu ddefiniti (jiġifieri s-servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti (C2X) u s-servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti (B2X)), is-sitwazzjoni kompetittiva tibqa' l-istess. Għalhekk, sa fejn huma kkonċernati s-servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti (C2X), l-ewwel operatur tas-suq f'dan is-segment, Omniva LT, kellha sehem ta' [35-40] % għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum. Omniva LT tinsab fil-pożizzjoni ewlenija f'dan is-segment tas-suq. Is-sehem tal-applikant kien ta' [30-35] % għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum. DPD Lietuva kellha sehem ta' [15-20] % u Venipak Lietuva kellha sehem ta' [5-10] %. Fir-rigward tas-servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti (B2X), hemm erba' fornituri tas-servizzi postali li għandhom aktar minn 10 % f'dan is-segment. Skont l-informazzjoni disponibbli, is-sehem mis-suq tal-applikant f'dan is-segment tas-suq kien ta' [15-20] % għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum. L-ishma mis-suq tal-kompetituri tal-applikant huma akbar jew komparabbli ma' dawk tal-applikant. L-ishma mis-suq tal-akbar kompetituri kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021 huma kif ġej: DPD Lietuva [35-40] %, Venipak Lietuva [25-30] % u Omniva LT [10-15] % volum ([18]).

([12]) It-talba, il-punt 56.

([13]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1204 tat-12 ta' Lulju 2019 dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal ċerti attivitajiet relatati mal-provvista ta' ċerti servizzi postali u ta' servizzi oħra għajr is-servizzi postali fil-Kroazja (ĠU L 189, 15.7.2019, p. 75). Ara wkoll il-Kawża COMP/M.5152 — Posten AB/Post Danmark A/S, tal-21.4.2009, il-punti 66 u 74.

([14]) Informazzjoni bbażata fuq l-għarfien tas-suq tal-applikant, filwaqt li titqies ukoll l-evalwazzjoni tal-għadd ta' fornituri ta' servizzi postali indikati fir-rapport tal-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet tar-Repubblika tal-Litwanja (RTT). Fit-tweġiba tagħhom tal-14 ta' Marzu 2023, l-awtoritajiet Litwani kkonfermaw li hemm għadd kbir ta' operaturi domestiċi ta' servizzi ta' konsenja express ta' pakketti li huma attivi fil-Litwanja.

([15]) Ara f'dan ir-rigward l-Anness 16 tat-Talba, fejn l-applikant jipprovdi stimi tas-sehem mis-suq tiegħu u tal-kompetituri ewlenin tiegħu, fir-rigward ta' definizzjonijiet tas-suq aktar ristretti.

([16]) Ibid.

([17]) Ibid.

([18]) Ibid.

(27) Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-applikant ([19]), ma hemm l-ebda ostaklu regolatorju għad-dħul fis-suq għall-forniment ta' servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti. It-twettiq ta' attivitajiet postali ma jeħtieġ l-ebda permess formali tal-istituzzjonijiet tal-Istat. Skont l-informazzjoni ppreżentata mill-applikant ([20]), u kif ikkonfermat mill-informazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet Litwani ([21]), l-uniku obbligu għall-fornitur huwa li jinnotifika lill-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet tar-Repubblika tal-Litwanja (RRT) bil-bidu tal-forniment ta' servizzi u jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti għal fornitur tas-servizzi postali ([22]).

(28) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota, abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-applikant, li ċerti kompetituri espandew is-servizzi tagħhom billi introduċew infrastruttura ta' lockers minn fejn jinġabru l-pakketti. Barra minn hekk, il-kompetituri ewlenin kollha qed jippjanaw aktar investimenti u espansjoni tal-infrastruttura ta' lockers minn fejn jinġabru l-pakketti ([23]). Skont l-informazzjoni ppubblikata mill-RRT, b'mod ġenerali, il-lockers minn fejn jinġabru l-pakketti qed jiksbu popolarità, u issa huma wieħed miż-żewġ punti ta' konsenja l-aktar popolari. Il-konsenja mill-kurrieri u f'lockers minn fejn jinġabru l-pakketti jirrappreżentaw 50-60 % u 35-46 % rispettivament, filwaqt li l-konsenja lill-uffiċċji postali tirrappreżenta biss madwar 2 % tal-konsenja totali tal-pakketti fil-Litwanja ([24]). F'dan ir-rigward, għalkemm l-applikant jopera network ta' uffiċċji postali, li fornituri oħra ta' servizzi ta' kurrier ma għandhomx, dan jista' ma jitqiesx bħala fattur li jipprovdi vantaġġ kompetittiv sinifikanti lill-applikant *vis-à-vis* il-kompetituri tiegħu f'dan is-segment tas-suq.

(29) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-fatturi elenkati fil-premessi 24, 25, 26, 27 u 28 jenħtieġ li jitqiesu bħala indikazzjoni tal-esponiment għall-kompetizzjoni ta' din l-attività fil-Litwanja. Konsegwentement, minħabba li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, jenħtieġ li jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' din l-attività fil-Litwanja.

3.2.3.2. Servizzi internazzjonali ta' konsenja express ta' pakketti

(30) Bħalissa hemm fornituri tas-servizzi b'saħħithom li huma attivi fis-servizzi internazzjonali ta' konsenja express ta' pakketti, inklużi operaturi tas-suq internazzjonali, bħal DHL jew FedEx. Skont l-informazzjoni disponibbli, is-sehem tal-applikant f'dan is-segment tas-suq kien ta' [0-5] % għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum ([25]).

(31) Is-sehem tal-applikant f'dan is-segment tas-suq huwa baxx ħafna meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu. Skont l-informazzjoni disponibbli, l-ewwel operatur tas-suq f'dan is-segment, DPD Lietuva kellu sehem ta' [40-45] % għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum. Is-sehem ta' DHL kien ta' [10-15] % għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum. Żewġ kompetituri oħra, Omniva LT u Venipak Lietuva, għandhom ishma mis-suq komparabbli għal dawk ta' DHL b'[10-15] % għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, kemm f'termini ta' valur kif ukoll ta' volum ([26]). Meta jitqies is-sehem baxx ħafna tas-suq tal-applikant f'dan is-segment, ma hemmx bżonn li s-sehem mis-suq għas-servizzi internazzjonali ta' konsenja express ta' pakketti C2X u B2X jiġi vvalutat separatament. L-ishma mis-suq jindikaw li l-kompetituri jistgħu jeżerċitaw pressjoni kompetittiva sinifikanti fuq l-applikant f'dan is-segment.

([19]) It-talba, il-punt 111.
([20]) It-talba, il-punt 64.
([21]) Tweġiba tal-awtoritajiet Litwani għat-talba għall-informazzjoni fl-14 ta' Marzu 2023.
([22]) Ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 10 tal-Liġi Postali jikkonċernaw id-drittijiet u l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi postali, jiġifieri, li jispjegaw kif l-oġġetti postali jenħtieġ li jiġu kkonsenjati u rritornati, ir-rekwiżit li jiġu ppubblikati t-termini u l-kundizzjonijiet għas-servizzi postali, il-postijiet tan-negozju tal-fornitur u informazzjoni rilevanti oħra, iwieġbu lill-klijenti fi żmien 14-il jum, u jirrapportaw lill-RRT. Ir-regoli dwar il-forniment ta' servizzi postali adottati mill-RRT jagħtu aktar dettalji dwar ir-rekwiżiti għas-servizzi postali (l-Ordni Nru 1 V-332 tad-Direttur tal-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet tar-Repubblika tal-Litwanja tat-28 ta' Frar 2013).
([23]) It-talba, il-punt 106.
([24]) Ir-Rapport tal-RRT (ir-raba' trimestru tal-2021), l-Anness Nru 9 tat-Talba.
([25]) Ara f'dan ir-rigward l-Anness 16 tat-Talba, fejn l-applikant jipprovdi stimi tas-sehem mis-suq tiegħu u tal-kompetituri ewlenin tiegħu, fir-rigward ta' definizzjonijiet tas-suq aktar ristretti.
([26]) Ibid.

(32) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-fatturi elenkati fil-premessi 30 u 31 jenħtieġ li jitqiesu bħala indikazzjoni tal-esponiment għall-kompetizzjoni ta' din l-attività fil-Litwanja. Konsegwentement, minħabba li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, jenħtieġ li jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' din l-attività fil-Litwanja.

4. **KONKLUŻJONI**

(33) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati fil-premessi 6 sa 32, il-kundizzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li titqies bħala ssodisfata fil-Litwanja fir-rigward tal-attività relatata ma' servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti u fir-rigward ta' attività relatata ma' servizzi inernazzjonali express ta' pakketti.

(34) Minħabba li l-kundizzjoni ta' aċċess mhux ristrett għas-suq titqies li hija ssodisfata, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax meta l-entitajiet kontraenti maħsuba biex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fil-premessa 33 ta' din id-Deċiżjoni ssir fil-Litwanja, u lanqas meta jiġu organizzati kompetizzjonijiet tad-disinn għat-twettiq ta' din l-attività f'dik iż-żona ġeografika.

(35) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet f'oqsma oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija użati għall-valutazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma humiex neċessarjament identiċi għal dawk użati sabiex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew l-Artikolu 102 tat-Trattat jew tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([27]) kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali ([28]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għall-għoti ta' kuntratti minn entitajiet kontraenti u maħsubin biex jippermettu li jitwettqu l-attivitajiet li ġejjin fil-Litwanja:

— servizzi domestiċi ta' konsenja express ta' pakketti

— servizzi internazzjonali ta' konsenja express ta' pakketti

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni

([27]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

([28]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2016, *Österreichische Post AG vs Il-Kummissjoni*, T-463/14, EU:T:2016:243, il-punt 28. Ara wkoll id-Direttiva 2014/25/UE, il-premessa 44.